MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Numru. 4/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**
**V**

**EMANUEL GRIMA**

**Seduta ta' llum, 28 ta' Gunju 2007.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL GRIMA** ta' tlieta w ħamsin sena bin Michael Angelo u Emanuela nee Axiaq, imwieled Victoria, Ghawdex nhar s-sitta w għoxrin ta' Dicembru 1952 u residenti 19, Triq Monsinjur Luigi Vella, Victoria, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 353G gie mressaq quddiemha akkużat:

1. Talli fl-erbatax ta' Frar 2006 għal ħabta tas-sebgħa w nofs ta' filgħaxija fi Pjazza San Frangisk,

Victoria, Ghawdex, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'perikolu car, wera dan l-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni tad-delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta u bil-ponta fuq l-persuna ta' Lawrence Attard, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali w indipendenti mill-volunta tiegħu;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġuna offiżi ħfief fuq il-persuna ta' Lawrence Attard;

3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu jew garr strument li jaqta u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-bon ordni w il-kwiet pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esbiti l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta' Awissu 2006 [fol 65] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciża minn din il-Qorti fil-kompetenza tagħha fuq riferuta.

Semgħet lil imputat jiddikjara, kif reġistrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnax ta' Otturbru 2006, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tiegħu jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti.

Semgħet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni, kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju w x-xhieda minnu prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn il-Qorti tirrileva li l-akkuza principali moghtija mill-prosekuzzjoni nhar s-sittax ta' Frar 2w006, dwar attentat ta' qtil ma nghatax mill-Avukat Generali fl-artikoli mibghuta minnu nhar l-erbgha t'Awissu 2006 izda ghogbu jwaqqa din l-akkuza ghal attentat ta' ferita gravi w ghalhekk hija din l-akkuza principali li din il-Qorti ser tittratta fil-fond.
Illi nhar s-sebgħa ta' Marzu 2006, **xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 13] fejn qal li fl-erbatax ta' Frar 2006

hu kien gie nfurmat mis-Surgent 1377 Cilia li kien sehh 'stabbing' Pjazza San Frangisk u persuna kienet ittiehdet l-Isptar. Gie nfurmat li l-midurb kien certu Lawrence Attard, maghruf bhala 'In-Newsa' w s-suspettat kien Emanuel Grima; l-imputat odjern. Spjega li hu ta ordni biex jigi arrestat Emanuel Grima u fil-fatt gie arrestat ftit wara mill-flat tieghu fejn kien qed joqghod 'Tac-Cawla'. Qal li hu sar jaf li Lawrence Attard iddewwa' l-isptar u gie ccertifikat li kellu *slight injuries* pero' kellu daqqa bi strument li jaqta' u bil-ponta f'genbu u li kien inzamm l-isptar ghal aktar osservazzjoni.

Kompla jghid li mill-indagni li ghamel rrizultalu li Lawrence Attard u l-imputat kellhom argument ftit qabel. Qal li hu gie nfurmat fuq din il-glieda ghall-habta ta' xi t-tmienja ta' filghaxija u li dawn kellhom argument qabel ghall-habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar fi Pjazza San Fangisk, ukoll hdejn il-Bar maghruf 'Ta' Tapies' li imbaghad kienu marru. L-imputat kien mar jaghmel rapport l-ghassa u sadanittant Lawrence Attard ma kienx ghadu hemmhekk.

Aktar tard, zied jghid x-xhud, ghal xi l-habta tas-sebgha jew s-sebgha u kwart ta' filghaxija, l-imputat kien qieghed hemmhekk hdejn 'Ta' Tapies', Lawrence Attard wasal hemmhekk ukoll u regghu gew fl-idejn, waqghu fuq xulxin u skond ma qallu Lawrence Attard, l-imputat kien tah daqqa; hass xi haga f'genbu u nduna li kellu d-demm.

Qal li hu kien interroga lil imputat Emanuel Grima wara li tah s-solita twissija fejn ammetta li kien ta daqqa ta' mus lil Lawrence Attard. Qallu wkoll li l-mus kien inxtara dakinhar stess minghand certu Barbier 'Ta' Sufa' li hemm Pjazza San Frangisk stess wara li kellu l-ewwel glieda. Ix-xhud qal li x'hin staqsa lil imputat ghaliex kien inxtara dan il-mus, dan wiegbu 'minhabba *self defence*'. Qali li hu kien hadlu stqarrija, fejn ghazel li jwiegeb il-mistoqsijiet li kien ghamillu w esebixxa l-stess w ikkonferma fuqha l-firma tieghu, tas-Surgent 1377 Emanuel Cilia kif ukoll ta' l-imputat Emanuel Grima, liema stqarrija giet immarkata bhala dokument "AG".

Illi nhar l-ħamsa ta’ Dicembru 2006 **rega’ xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 86] fejn qal li jiftakar li waqt li l-imputat kien taħt arrest Dottor Anton Refalo kien ċempillu biex jipprovdi skorta sabiex jakkompanjaw lil imputat odjern Emanuel Grima l-isptar peress li kellu problemi fi snienu, għaliex kien mugugħ. Zied jgħid li hu pprovda skorta u l-imputat Emanuel Grima gie meħud l-isptar sabiex jiġi ndukrat minn dentist flimkien ma’ l-iskorta li provdilu hu.

Illi nhar s-sebgħa ta’ Marzu 2006 **xehed PS 1377 Emanuel Cilia** [fol 18] fejn spjega li fl-erbatax ta’ Frar 2006 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta’ filghaxija, hu kien xoghol l-ghassa r-Rabat fejn gie nfurmat permezz ta’ telefonata minn Lawrence Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 15064G, li kien ghadu kif qala’ daqqa ta’ mus fuq il-parti ta’sidru waqt li kien qieghed fejn il-hanut ‘Ta’ Tapies’ fi Pjazza San Frangisk, ir-Rabat, Ghawdex.

Spjega li hu mar fuq il-post flimkien ma’ PS 755 Frank Gauci fejn mill-istharrig preliminari li sar ma’ Lawrence Attard irrizulta li ghall-habta tas-sebgha u nofs ta’ filghaxija hu kien ghaddej minn fejn il-hanut ‘Ta’ Tapies’ fejn kien hemm Lawrence Attard, Vickie Gafa w l-imputat Emanuel Grima presenti fl-awla, w irrizulta li l-imputat kien ta daqqa ta’ mus lil Lawrence Attard u harab jigri flimkien ma’ Vicki Gafa.

Lawrence attard zied jghidlu li l-mus imsemmi kienet ghaddietulu Vickie Gafa minn gewwa basket li kellha fuqha. Kompla jghid li hu ha lil Lawrence Attard fic-Centru tas-Sahha tar-Rabat, Ghawdex li jinsab ftit metri ‘l boghod minn fejn gara l-incident fejn hemmhekk gie investat minn Doctor John Xuereb Curmi, fejn wara li nghata l-kura, Lawrence Attard gie mehud l-Isptar Generali ta’ Ghawdex sabiex isirulu aktar testijiet medici fejn wara li ttiehdulu l-X-Rays, huwa gie ccertifikat minn Doctor Peter Muscat mid-Dipartiment ta’ l-Emergenza li Lawrence Attard kien qieghed ibati minn ferita fuq ix-xellug ta’ gembu b’diametru ta’ 3cm, liema griehi huma ta’ natura hafifa u annetta c-certifikati ma’ l-okkorrenza.

Zied jghid li ghal habta tat-tmienja neqsin ghaxra ta' filghaxija hu mar fir-residenza ta' Vickie Gafa' gewwa Flat 3, Flat 8, Tac-Cawla Housing Estate, ir-Rabat, Ghawdex fejn hemm sab ukoll lil imputat Emanuel Grima. Meta hu kellem lill-pulizja, Emanuel Grima qallhom li ftit tal-hin qabel ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija kien qieghed fejn il-hanut 'Ta Tapies', qal lil Mario Said, li jigi sid il-hanut imsemmi jaghmillu xi tazza te' u f'daqqa wahda minn gewwa hareg Lawrence Attard u tah daqqa ta' ponn fuq wiccu u tefghu fl-art u baqa' jaghtih. Ftit tal-hin wara hargu xi nies minn gewwa l-hanut u qajmu lil Lawrence Attard minn fuqu u hu telaq minn fuq il-post imsemmi flimkien ma Vickie Gafa' li dak il-hin kienet gewwa, fuq in-naha ta' gewwa tal-hanut.

Mistoqsi fuq id-daqqa ta' mus li kien qala' Lawrence Attard, l-imputat qal li ma kien jaf b'xejn. Spjega li huma ghamlu tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u fir-residenza msemmija ghal x'imwies, izda r-rizultati kienu fin-negattiv.

L-imputat Emanuel Grima qal li dakinhar stess ta' l-incident ghall-habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar huwa kien gie aggredit minn Lawrence Attard fejn il-hanut imsemmi fejn kien ghamel rapport aktar qabel fil-ghassa tar-Rabat dwar l-incident ma' PS 187 Mario Cassar.

Zied jghid li gew elevati flokk ta' Lawrence Attard u gakketta li kienu mcappsin bid-demm sabiex jigu esebiti l-Qorti liema hwejjeg hu esebixxa u gew immarkati komplessivament bhala dokument "Z". Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta' l-okkorrenza mehuda minnu bhala dokument "Z I".

Meta gie muri l-istqarrija esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala dokument "AG", x-xhud ikkonferma l-firma tieghu, kif ukoll dik ta' l-Ispettur Antonello Grech u ta' l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla. Ikkonferma li qabel ma giet rilaxxjata din l-istqarrija l-imputat inghata s-solita twissija. Ix-xhud esebixxa wkoll zewg ritratti li gew immarkati bhala dokument "Z 2". Zied jghid li wara ittiehed hdejn l-Ispettur biex tibda l-istqarrija u wara xi mistoqsijiet li ghamillu l-Ispettur Anttonello Grech, staqsieh ghall-mus u dan

irrisponda li "Armejtu fi Triq Ghajn Qatet fuq xi bejt ta' xi dar." Spjega li huma daru dawra mat-triq kollha flimkien ma' PC 883 Paul Azzopardi, telghu fuq xi bjut izda r-rizultati kienu fin-negattiv.

Kompla jghid li l-imputat kien qal li xtrah dakinhar ta' l-incident aktar kmieni wara nofsinhar wara l-ewwel incident li kellu ma' Lawrence Attard minn gewwa 'Is-Sufa Hairdresser' Pjazza San Frangisk. Ghalhekk, zied jghid x-xhud mar ma PC 883 Paul Azzopardi dan dahal fl-imsemmi hanut filwaqt li hu baqa ma' l-imputat barra fejn il-bieb, minn fejn setghu jisimghu kollox, u certu John Mercieca stqarr li dakinhar l-imputat kien xtara mus 'Opinel' Mark No. 8.

Illi nhar s-sebgħa ta' Marzu 2006 **xehed Lawrence Attard** [fol 27] fejn qal li fl-erbatax ta' Frar 2006 hu kien qed jiehu drink fi Pjazza San Frangisk fil-bar, f'liema bar hemm tieqa. Dak il-hin dahlet wahda mara li tkun fil-kumpanija ta' l-imputat, imlaqqma 'Pasparella', harset lejh u tbissmitlu u baqa jiehu d-drink. Hares lejn it-tieqa u ra lill-imputat, li gharaf prezenti fl-awla u dan qallu diskors infelici, pero hu baqa jhares lejh u telaq 'l hemm. Qal li dan kien ghall-habta ta' nofsinhar.

Kompla jispjega li wara nofsinhar, hu rega' mar ghal habta tas-saghtejn jew it-tlieta, dahal f'dan l-istess hanut minn naha tat-tieqa u baqat hiereg ghan-naha l-ohra; ghat-triq l-ohra, ghax jinfed. Qal li x'hin hareg fuq il-bankina, kien hemm l-imputat fuq il-mejda, u dar ghalih u gew fl-idejn. X'hin kien ma' l-art, zied jghid x-xhud, hass bhal tingiza f'zaqqu. Qal li wara infirdu minn ma' xulxin, l-imputat harab jigri u lahaq telaq xi ghoxrin pied u kif pogga idejh ma' zaqqu, raha mxarrba u kienet kollha demm u beda gej l-ugigh u mar l-isptar b'ambulanza.

Meta gie muri l-hwejjeg esebiti f'dawn l-atti bhala dokument "Z", ix-xhud ikkonferma li dawk kienu l-hwejjeg tieghu. Meta gie muri zewg ritratti li huma mmarkati bhala dokument "Z 2", x-xhud qal li dawk huma zewg ritratti ta' zaqqu. Zied jghid li hu mar l-*out patient clinic* fejn qalulu li

ma kellux ghalfejn jerga’ mmur ghalkemm biex jorqod kien ibati w anke meta jaghmel certu zmien bil-wieqfa.

In kontr’ezami ix-xhud qal li hu gieli jixrob u gieli x-xorb jiehdu u gieli le. Qal li ma jafx li jkun daqshekk aggressiv li jkollhom jaghlqu l-hwienet minhabba fih.

Illi nhar it-tnax ta’ April 2007 **rega’ xehed Lawrence Attard** [fol 115] fejn ikkonferma dak li qal fis-seduta precedenti. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx minnu li dakinhar tal-incident filgħodu daħlet waħda mara mal-imputat u qaltlu xi kliem xejn xieraq ix-xhud wieġeb fl-affermattiv. Qal li hu ma jafx fi x’ħin kien l-incident u li dak li qal dakinhar kien korrett. Qal li dakinhar zewg incidenti kien hemm, wiehed filgħodu u wiehed filgħaxija. Zied jgħid li kien l-imputat li għajjaru dakinhar filgħodu bil-ħajjin u mejtin tiegħu. Qal li jaħseb li qal dan id-diskors għaliex ra lil gbintu ħdejh tidħak w għalhekk kellmu ħazin bil-kliem “mejtin u ħajjin tieghek”. Zied jgħid li filgħaxija l-istorja kienet differenti għaliex hu kien daħal minn bieb ġot-Tapie’s Bar, ħareg minn bieb iehor u sabu hemm faċċata tiegħu. Dak il-ħin l-imputat tar ghalih, u niggżu bil-mus meta kienu mal-art. Qal li hu żamm ġembu u baqa jzomm d-demm. Spjega li l-imputat kien taħtu u hu fuqu w għalhekk kien gie mniggez. Qal li meta tar għall-imputat, ġew fl-idejn u wieħed minnhom waqa u daru fuq xulxin. Qal li jista’ jkun li f’xi ħin minnhom hu kien taħt l-imputat u wara mbagħad daru. Qal li kienu mal-art wieħed jiġbed lill-ieħor. Kompla jgħid li hu, meta filgħodu kellmu ħazin l-imputat, qallu biex ma jkellimux fuq il-mejtin tiegħu għax hu għandu ħuħ zgħir mejjet u għalhekk, zied jgħid ix-xhud, li hu telaq lil hinn. Qal li waqgħu fuq xulxin ezatt faċċata tal-uffiċċju ta’ Dottor Refalo.

Illi nhar s-sebgħa ta’ Marzu 2006 **xehed PC 883 Paul Azzopardi** [fol 29] fejn qal li fl-erbatax ta’ Frar 2006 kien gie nfurmat mis-Surgent 1377 Emanuel Cilia li kien sehh *stabbing* fi Pjazza San Frangisk u persuna kienet ittiehdet l-Isptar. Qallu li l-midurb kien certu Lawrence Attard, maghruf bhala ‘In-Newsa’ u s-‘suspect’ kien Emanuel Grima l-imputat. Zied jghid li hu ta ordni biex jigi arrestat l-imputat Emanuel Grima u fil-fatt gie arrestat ftit wara mill-

flat tiegħu fejn kien qed joqgħod 'Tac-Cawla'. Qal li hu sar jaf li Lawrence Attard iddewwa' l-Isptar u gie ccertifikat li kellu *slight injuries* pero' kellu daqqa bi strument li jaqta' u bil-ponta f'genbu u li kien inzamm l-Isptar ghal aktar osservazzjoni.

Mill-indagni li ghamel, zied jghid x-xhud, irrizultalu li Lawrence Attard u l-imputat kellhom argument ftit qabel. Qal li hu kien gie nfurmat fuq din il-glieda ghall-habta ta' xi t-tmienja ta' filghaxija u dawn kellhom argument qabel ghall-habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar fi Pjazza San Frangisk ukoll hdejn il-Bar maghruf 'Ta' Tapies', li imbaghad kienu marru. L-imputat Grima kien mar jaghmel rapport l-ghassa u sadanittant Lawrence Attard ma kienx ghadu hemmhekk. Aktar tard ghal xi l-habta tas-sebgha jew is-sebgha u kwart ta' filghaxija l-imputat kien qieghed hemmhekk hdejn 'Ta' Tapies', Lawrence Attard wasal hemmhekk ukoll u regghu gew fl-idejn, waqghu fuq xulxin u kif qallu Lawrence Attard, l-imputat kien tah daqqa; hass xi haga f'genbu u nduna li kellu d-demm. Qal li hu kien interroga lil Emanuel Grima wara li tah s-solita twissija fejn ammetta li kien tah id-daqqa ta' mus. Qallu wkoll li l-mus kien xtrah dakinhar stess minghand certu barbier 'Ta' Sufa' li hemm Pjazza San Frangisk stess wara li kellu l-ewwel glieda. X'hin staqsih ghaliex kien xtara dan il-mus qallu minhabba *self defence*.

Zied jghid li hu hadlu stqarrija, u li dan kien ghazel li jwiegeb il-mistoqsijiet li sarulu. Esebixxi din l-istqarrija li fuqha gharaf il-firma tieghu, tas-Surgent 1377 Emanuel Cilia kif ukoll ta' l-imputat Emanuel Grima, liema stqarrija giet immarkata bhala dokument "AG".

Illi nhar s-sebgħa ta' Marzu 2006 **xehed Mario Said** [fol 30] fejn qal li hu sid il-Bar maghruf bl-isem ta' 'Tapies Bar' li jinsab fi Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex. Qal li lill-imputat, jafu u li kien jaf li kien hemm incident fl-erbatax ta' Frar, 2006. Qal li f'hin minnhom kien hemm Vicki Gafa u kienet qed tixtri xi pasti u semgha x'ghajjat ghaddej bejn Lawrence Attard u l-imputat. Qal li hu mill-ewwel ghalaq il-bieb u ra lil Emanuel Grima gharkubtejh ha jidhol u lil Lawrence Attard bil-wieqfa. Zied jghid li hu qal lil imputat

biex jitlaq jigri 'l hemm pero ma harigx. Qal li ma jafx li kellu ferita. Lawrence Attard qal li kellu d-demm f'genbejh. Ikkonferma li kien minnu li Lawrence Attard jaghtihom xi *trouble* u li meta jixrob jaghlqu l-bars ghax jibzghu minnu. Qal li ma jafx li l-imputat li jaghti *trouble* hekk ghaliex lilu qatt ma tah inkwiet, fil-fatt lill-imputat jafu bhala bniedem timidu, ragel semplici. Spjega li qatt ma dahhal rapporti l-ghassa li Lawrence Attard kien qed jaqla l-inkwiet. Ikkonferma li qatt ma cempel lill-Pulizija fuq xi nkwiet li kien jaqlalu Lawrence pero' jcemplu n-nies. Zied jghid li jaf ukoll li Lawrence Attard gieli jkun miggieled ma' huh, pero' fil-prezent jinsabu hbieb.

Mistoqsi kif kien l-imputat dakinhar tal-incident, ix-xhud wiegeb li kien gharkobbtejh sejjer biex jidhol gol-hanut u hu qallu biex jigri 'l hemm.

Illi nhar l-erbatax ta' Marzu 2006 **xehed Doctor Peter Muscat** [fol 33] fejn ikkonferma li fl-erbatax ta' Frar 2006 hu kien ezamina lil Lawrence Attard u dan wara li l-istess Lawrence Attard kien diga' gie invistat mit-Tabib tal-Policlinic peress l'allegatament kien involut fi glieda u dan t-tabib kien baghtu l-isptar ghall Chest X-Ray. Qal li hu kien fl-Emergenza u hadlu Chest X-Ray fejn irrizulta li ma kellux feriti fil-pulmun. Mill-X-Ray ma rrizultalux li huwa kellu x'*infiltration* f'xi organu tieghu pero dan nonostante Lawrence qalilhom li kien mugugh u zammewh ghall-osservazzjoni.

Illi nhar l-erbatax ta' Marzu 2006 **xehdet Victoria Gafa** [fol 34] fejn qalet li fil-jum tal-incident hi kienet tghix mal-imputat odjern Emanuel Grima. Ziedet tghid li dakinhar tal-erbatax ta' Frar, ghall-habta ta' l-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar, telghu fejn it-'Tapies' fi Pjazza San Frangisk u kienu barra fit-triq. Qalet li appena waslu fejn it-tieqa ta' dan il-bar u kienu ha jitolbu lil Sylvia tal-hanut biex taghmlilhom belgha cafe', hareg Lawrence Attard minn gol-hanut u beda jsemmi xi haga lill-imputat fuq xi *tissue*. Qalet li dak il-hin meta hareg ghalih mill-hanut beda jsabbatlu rasu mal-hajt u beda jaghtih fl-istonku, imbaghad mar certu Loreto Axisa jew Axiaq, maghruf bhala 'Ta' Xrik' biex jifridhom.

Kompliet tghid li Loreto dar fuq Lawrence Attard u qallu, b'referenza ghal imputat: "Hallieh ghax dak ragel sew mhux ragel tal-glied." Qalet li l-imptuat ma kellu l-ebda *tissue* f'idejh, ghalkemm Lawrence Attaard beda jinsolentah b'xi *tissue*. Qalet li Sylvia Agius, li kienet hemmhekk, bdiet tghid: "X'*tissue* hi?" ziedet tghid li wara marru l-ghassa jaghmlu rapport li Lawrence Attard hebb ghal imputat u sussegwentement marru l-Poliklinika fejn l-imputat gie invistat mit-tabib. Qalet li wara kellhom xi qadjiet u ghamluhom w huma w sejrin lura lejn id-dar f'Tac-Cawla Housing Estate w ghaddew minn fejn il-hanut 'Tapies'. Qalet li hemm kien hemm xi vann tal-pasti li waqaf fil-pjazza u hi u l-imputat kienu sejrin bil-mixi lejn id-dar u hi qalet lil imputat biex tixtri zewg pakketti pasti biex ikollhom ghal mal-cafe'. Pero sakemm dahlet go dan il-bar 'Tapies' biex tixtri dawn il-pasti, semghet l-ghajjat gej minn barra, harget tittawwal u rat lil Lawrence Attard fuq Emanuel Grima, qed jaghtih. Qalet li hi rat lil Emanuel Grima mal-art u lil Lawrence Attard kokka fuqu u wara semghet lil Mario Said jghid lil Emanuel Grima biex imur jigri. Qalet li rat wkoll lil Loreto jigbor lil Lawrence minn fuq Emanuel Grima biex dan ikun jista' jmur 'l hemm. Ziedet tghid li wara marru ghand it-tabib peress li gew mibghuta mill-Pulizija wara li kienu ghamlu r-rapport. Qalet li hi waqfet tixtri l-pasti ghall-habta ta-sebgha jew is-sebgha u kwart ta' filghaxija dakinhar. Ikkonfermat li hi kienet il-hin kollu mal-imputat Emanuel Grima. Ix-xhud stqarret li ma kienetx tafx fi x' hin Emanuel Grima mar ghand 'Sufa' biex jixtri xi mus.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2006 **reggħet xehdet Victoria Gafa** [fol 76] fejn mistoqsija min kien it-tabib li ezamina lil Emanuel Grima dakinhar, qalet li kien bin-nuccali izda ismu ma kienetx tafu ghalkemm qalet li setgha kien Doctor Gatt. Spjegat li dakinhar l-imputat Grima kellu daqqa f'rasu peress li giet mahbuta ma' l-art, grif f'zaqqu; f'dik il-parti fejn kien ghadu kemm ghamel operazzjoni u fil-fatt zammitu d-dar ghaliex qalilha li ma kienx se jmur jaghmel rapport l-ghassa. Wara li kienet inqalghet din il-glieda kienu marru l-pulizija u hi tathom ic-certifikat li kopja tieghu kellha.

Ix-xhud kompliet tghid li fit-tieni incident l-imputat kellu zaqqu tugghu u kellu wkoll xi snien ta' quddiem mtajrin. Kellu xofftejh maqsuma u beda jiffjammalu l-hanek u kellu jaqlaghlu. Qalet li fil-fatt l-imputat ittiehed l-isptar waqt li kien taht *house arrest* bi skorta tal-pulizija. Ziedet tghid li d-Dentist kien wiehed Malti.

Illi nhar l-erbgħa ta' Mejju 2006 **xehed John Mercieca** [fol 47] fejn qal li hu ghandu hanut fi Pjazza San Frangisk. Mistoqsi jafx lill-imputat odjern, x-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li xi zmien ilu l-imputat kien mar ghandu u xtara mus u l-ghada li effettivament l-imputat kien xtara mus minghandu, kien mar l-pulizija u staqsih jekk effettivament Emanuel Grima kienx xtara mus minghandu u hu kien ikkonferma dan. Qal li meta l-mus ikun miftuh ikun twil xi sitt pulzieri u li dan kien tal-ghamla 'Opinel'. Il-mus, zied jghid ix-xhud, hu jbieghu biex jintuza fil-kcina u hu tal-ghamla li jinfetah. Qal li l-imputat kien mar ghandu xi hin filghaxija.

Illi nhar l-erbgħa ta' Mejju 2006 **xehed PS 73 Josef Camilleri** [fol 48] fejn qal li hu kien gie mitlub sabiex jghid jekk l-imputat Emanuel Grima tal-karta ta' l-identita numru 353G ghandux licenzja biex izomm jew igorr arma jew strument bil-ponta mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Spjega li mir-ricerka li ghamel ma rrizultalux li l-imputat Emanuel Grima ghandu t-tali permess.
.
Illi nhar s-sitta ta' Lulju 2006 **xehed PS 187 Mario Cassar** [fol 61] fejn pprezenta kopja tar-rapport li kien gie magħmul mill-imputat Emanuel Grima nhar l-erbatax ta' Frar 2006 għall-ħabta tal-erbgħa u kwart, liema rapport gie mmarkat bħala dokument "PS 2".

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 74] fejn spjega li nhar jum San Valentino u cioe fl-erbatax ta' Frar 2006, hu kien mar jiehu belgha te' fi Pjazza San Frangisk, Victoria ghall-habta ta' l-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar flimkien mal-mara Vicky Kitcher. Qal li kienu qed jiehdu cafe' barra fit-

tieqa ta’ post imsemmi ‘Tapies Bar’ u li kienu qed jigu servuti mit-tieqa minn Sylvia Said.

Mistoqsi jekk kienx hemm persuna ohra maghhom barra mat-tieqa, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li gewwa kien hemm il-kugin tieghu filwaqt li huma ordnaw l-café minghand certu Loreto pero’ kunjomu ma jafux, li huwa maghruf ‘Ix-Xrik’ u mieghu kien hemm Lawrence Attard jixorbu t-tnejn flimkien. Qal li dawn kienu fil-hanut bil-wieqfa mal-bank u setgha jarhom ftit minn got-tieqa.

Kompla jghid li Lawrence Attard, f’xi hin haseb li hu kien insolentah ghax kellu *tissue* f’idejh, meta fil-fatt ma kellux. Qal li dan li kien qed jitmejjel bih bit-*tissue* u hareg sparat ghalih minn gol-hanut u ghadda mill-bieb tal-genb. Qal li hu ma kellmux pero’ f’daqqa wahda Lawrence Attard refghu, habbtu mal-hogor it-tieqa u rega’ dahal gewwa. Qal li fil-fatt habbatlu rasu mal-hajt u kien hemm sahansitra granpun li dahal gewwa go rasu. Zied jghid li martu qalet lil Lawrence: “Ghalfejn sawwattu ghal xejn minghajr ma kellmek?”

Ix-xhud zied jghid li nizel l-ghassa u ghamel rapport fuq dan l-incident ma’ Vicky. Meta nizilu il-pulizija qallu li jekk xtaq li jressaq lil dan Lawrence Attard il-Qorti, kellu jmur il-Clinic u jaghmel certifikat minn hemmhekk u hu kien qal lil pulizija li kien ser ihalli kollox jghaddi. Ic-Certifikat, zied jghid ix-xhud aktarx li ghadu ghand Vicky sa sakinhar.

Qal lil lil Vicky qalilha biex jinsew kollox dwar din il-bicca tal-Qorti u wara telghu lejn San Gorg jaghmlu xi qadjiet taghhom. Ftakar li dakinhar kien xtara mus biex jaqta’ l-hobz bih. Kompla jghid li aktar tard regghu ghaddew minn hdejn it-‘Tapies Bar’ u Vicky dahlet gewwa tixtri xi pasti u hu qaghad barra jistenniha fuq il-bankina. Fid-daqqa u l-hin rega’ mar fuqu Lawrence Attard u tah daqqa u tefghu mal-art, u peress li d-daqqa tahielu f’wicci hu rema’ jaghtih *left and right*. Qal li Lawrence Attard intefa’ fuqu, imtedd fuqu w ghattih.

Zied jghid li ftit taz-zmien qabel hu kien ghamel operazzjoni tal-gebla u nehhewlu l-marrara u li kien ghadu jsofri b’din il-problema sa sakinhar.

Qal li hu ma kellux cans ma Lawrence Attard, hataf il-mus li kellu u niggzu bih f’dahru fuq il-parti ta’ wara; fil-parti t’isfel. Qal li hu ma ried jaghmillu xejn u li kull ma ghamel kien li tah daqqa wahda biex jerhih u jqum minn fuqu. Qal li kien wara li telqu u qam kif setgha minn l-art gharkobtejh u hares lejh biex jara li kollox kien sewwa. Qal li hu kien imrieghed fl-istess hin u ma kienx jaf x’ser jaqbad jaghmel. Zied jghid li minn hemm hu u Vicky telqu lejn id-dar u li sussegwentement marru zewg pulizija u nizzluh maghhom l-ghassa. Aktar tard waqt li kien l-ghassa nduna li kellu zewg sinniet ta’quddiem imtajrin u x’hin kien taht arrest kien mugigh f’halqu minhabba s-snien u haduh l-isptar fejn qalghulu sninu.

Qal li kien minnu dak li gie ssuggerit lilu mill-Prosekuzzjoni li l-mus xtrah bejn incident w iehor u cioe li kien *in the wrong time and in the wrong place*. Dwar t-tieni incident , ix-xhud qal li dan gara fl-istess post fejn gara l-ewwel incident u cioe’ fi Pjazza San Frangisk. Qal li l-pasti Vicky xtrathom minghand it-Tapies.

Rigward il-griehi li sofra, x-xhud qal li kellu siequ mifqugha u dam tlett gimghat b’siequ tugghu, kif wkoll b’ugigh f’zaqqu w imniehru.

Illi nhar l-ħamsa ta’ Dicembru 2006 **xehed Doctor Stephen Borg Cardona** [fol 85] fejn mistoqsi jekk jgħarafx lill-imputat odjern, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv u dan peress li hu pazjent tieghu. Qal li kien hu li qalaghlu zewgt sinniet ta’ quddiem fl-erbgħa u ghoxrin t’April 2006 peress li dawn iz-zewg sinniet kienu ħziena. Zied jgħid li l-pazjent ma kienx qallu li qala daqqa fuq snienu. Kienu snien li kellhom bzonn jinqalgħu. Qal li sa fejn jaf hu, lanqas ma kien mar ghandu mal-pulizija. Spjega li s-sinna ma titħassarx f’daqqa u li ma setgħax jgħid jekk is-sinna tal-imputat inkisritx għax kienet diġa mħassra minn qabel. Pero’ żgur li s-sinna kienet imħassra. Setgħa kien li qala daqqa fuqhom pero’ ma setgħax jgħid b’ċertezza.

Illi nhar il-ħamsa ta’ Dicembru 2006 **xehed Doctor Byran Gatt** [fol 87] fejn qal li jiftakar li kien eżamina lill-imputat li għaraf prezenti fl-awla fejn irriskontra li kellu xi daqqiet fuq wara ta’ rasu, pero’ xejn aktar. Qal li dettalji ma kellux u li dawn kien kitibhom fuq ċertifikat, liema ċertifikat ma kienx qieghed għandu. Ix-xhud ipprometta li jesibih f’seduta oħra.

Illi nhar it-tnax ta’ April 2007 **rega’ xehed Doctor Byran Gatt** [fol 117] fejn in kontro ezami qal li jiftakar li dakinhar li ezamina lil imputat Emanuel Grima kellu xi grieħi fuq in-naħa ta’ wara ta’ rasu. Meta gie muri ċertifikat esebit f’dawn l-atti mmarkat bhala dokument ‘X’ a fol 90, ix-xhud ikkonferma li dan kien ġie rilaxxjat minnu nhar l-erbatax ta’ Frar 2006. <u>Mistoqsi jekk l-imputat qallux kif ġie ferut ix-xhud qal li kien qallu li rasu ġiet imsabbta ma’ xi grampun tat-tieqa</u>. Qal li fuq barra ma kien hemm xejn vizibbli tar-ras, pero ftakar li kellu wgigħ fl-*oscipital region* tar-ras u kien hemm daqsxejn *tenderness* meta l-individwu ħarrek għonqu lejn ix-xellug.

Illi nhar il-hmistax ta’ Frar 2007 **xehed Doctor Mario Saliba** [fol 102] fejn qal li hu kien ezamina lill-imputat xi sena ilu. Qal li dan kien allega li kien gie mitfugħ mal-art u kien qala’ daqqa fuq irkopptu l-leminija. Zied jgħid li meta ezaminah dakinhar ma sablux feriti u lanqas ħmura ma sablu. Ikkonferma li l-ezami sar fl-erbatax ta’ Frar 2006. Ix-xhud esebixxa ċertifikat mediku li l-Qorti mmarkat bħala dokument ‘Z’.

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha allegat li l-imputat mar ifittex lil vittma Lawrence Attard fit-Tapies Bar fi Pjazza San Frnagisk, r-Rabat, Ghawdex, sabiex ipattiehlu talli aktar kmieni dakinhar fl-istess hin li Lawrence Attard kien hebb ghal imputat. Fil-fatt il-prosekuzzjoni tghid li l-imputat tant kien deciz li jferi lil Lawrence Attard li mar jixtri mus minn hanut fil-vicinanzi bil-ghan li juzah fil-feriment tal-vittma.

Id-difiza minn naha taghha tghid li l-imputat agixxa in legittima difesa u li huwa fera lil vittma filwaqt li kien qed jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-vittma meta l-istess vittma kien bil-qeghda fuqu waqt li hu kien qieghed ghal tulu tahtu, mal-art.

Illi kif hu ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva, l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difeza trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkrejata unikament mhux minn min jaddatta dak t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew thedded jew dannu mminenti.

Fil-fatt l-artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew peremessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin tta' Jannar, 1995*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Joseph Psaila** fejn dik ikl-Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument*

*biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Izda hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa b'uzu ta' l-azzjoni. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo fin-*Noti*** tieghu:

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Wiehed ghalhekk irid jpoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi kif setgha hassu dak il-hin u mument cioe jekk kienx imbezzgha u /jew panikuz.

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tal-Avukat Difensur ghal fatt li fil-ligi taghna, d-difiza tal-legittima difesa, hi proponibbli biss bhala gustifikazzjoni jew fil-kaz ta' eccess ta legittima difesa, bhala skuzanti, ghar-reat ta' omicidju voluntarju jew t'offiza voluntarja fuq il-persuna [artikoli 223, 227(d) u 230(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta].

Wiehed mill-elementi essenzjali ghad-difiza tal-legittima difesa hu li l-perikolu, ossia l-hsara [ingusta u gravi] li wiehed ikun qed jipprova jevita, trid tkun attwali, jigifieri li dak l-hin, jekk l-perikolu jkun ghadda, wiehed ma jistax jghid li dak li jaghmel, ghamlu biex jiddefendi lilu nnifsu, l-aktar li wiehed ikun jista jghid hu li 'rreagixxa' ghal provokazzjoni. Dan r-rekwizit johrog car anke mill-istess dicitura tal-artikolu 233 tal-Kodici Kriminali "*… mill-bzonn attwali tad-difiza legittima…*"

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li verament filghodu nhar l-erbatax ta' Frar 2006, fil-pjazza ta' San Frangisk, Victoria, Ghawdex, kien sehh incident bejn l-imputat w il-vittma u l-imputat spicca gie aggredit. Illi fl-istess jum aktar tard waqt li l-imputat u l-habiba tieghu certu Victoria Gafa, kien fit-Tapies Bar, rega' nqala incident. L-imputat spjega li huwa gie aggredit mill-vittma waqt li kien barra t-triq jistenna biex jigi servut, tant li spicca mal-art bil-vittma fuqu. L-imputat dak l-hin jghid li hu kien bezgha mill-vittma ghaliex aktar kmieni dak l-jum kien qala xebgha minghandu u spicca b'diversi feriti f'wiccu u kien ghalhekk li tah daqqa ta' mus f'gembu sabiex ikun jista jiskartah. Spjega wkoll li filghodu dan Lawrence Attard kien imbuttah mal-hajt u habbtu ma hogor t-tieqa u rega' dahal gewwa. Qal li habbatlu rasu u fil-fatt dahallu grampun. Hu mar l-ghassa jaghmel rapport fil-konfront ta' Lawrence Attard u anke mar l-poliklinika sabiex jigbor certifikat mediku (vide fol 61 u dok. PS 2).

L-imputat jghid li hu beda jaghti lil vittma wara nofsinhar meta huwa qabad, w ghal xejn b'xejn, tefghu mal-art u tah daqqa f'wiccu u kien dak l-hin li rema jaghtih. Qal li ftit zmien qabel huwa kien ghamel operazzjoni tal-gebla u nehhewlu l-marrara u li kien ghadu jsofri b'din il-problema. Jghid li huwa ma kellux cans jiddefendi lilu nnifsu minn Lawrence Attard u kien ghalhekk li qabad il-mus u niggzu bih f'dahru fuq il-parti ta' wara ta' isfel tad-dahru. Ex admissis jghid li hu ma ried jghamillu xejn u li kull ma ried jaghmel kien, li jaghtih daqqa wahda biex jerhih u jqum minn fuqu. Jiddeskrivi lilu nnifsu bhala li kien mrieghed u ma jafx x'jaqbad jaghmel. Induna wkoll li kellu z-zewg sinniet ta' quddiem imtajjrin waqt l-aggressjoni tieghu filghodu, apparti ugiegh li kellu f'siequ, f'zaqqu w imniehru.

Dottor Stephen Borg Cardona xehed w ikkonferma li verament qala zewg sinniet ta' quddiem tal-imputat fl-erbgha w ghoxrin ta' April 2006 ghaliex kienu hziena pero jghid li ma setghax jikkonferma jekk s-snienn inkisrux ghax kienu diga mhassra minn qabel. Setgha kien li qala daqqa fuqhom, pero ma setghax jikkonferma.

Doctor Byran Gatt xehed w ikkonferma li kien ezamina lil imputat nhar t-tnax ta’ April 2007, w irriskontra li kellu feriti fuq n-naha ta’ wara ta’ rasu. Mistoqsi jekk jafx x’gara, huwa jghid li l-imputat kien qallu a tempo vergine tal-ezami mediku, li rasu giet imsabbta ma grampun.

Victoria Gafa kkonfermat l-aggressjoni li kellu l-vittma minghand l-imputat u li verament l-imputat spicca bla snin u mugugh minhabba l-incident. Fil-fatt tghid li waqt li l-imputat kien taht *home arrest*, kien gie akkumpanjat mill-pulizija lejn l-isptar ghaliex kellu nfjammazzjoni fil-hanek rizultat ta’ dak l-incident li sehh wara nofsinhar nhar l-erbatax ta’ Frar 2006. hija cahdet li l-imputat ghajjar lil vittma jew li ghamel ghalih izda kkonfermat li kien il-vittma li hareg mill-hanut fejn kien w aggredixxa lil imputat.

Mario Said, sid il-hanut, jghid li waqt li Victoria Gafa kienet qed tixtri xi pasti minghandu, semgha xi ghajjat bejn l-imputat u Lawrence Attard. Qal li jaf li meta Lawrence Attard jixrob, dan jaqla l-inkwiet u jkollu jghalaq il-hanut tieghu ghaliex jibza minnu. Qal li l-imputat minn naha l-ohra, jafu bhala bniedem timidu u ragel semplici.

PC 883 Paul Azzopardi xehed li l-imputat kien ammetta mieghu li kien ta daqqa ta’ mus lil Lawrence Attard. Mistoqsi minn fejn gab il-mus l-imputat, a tempo vergine qallu li kien xtrah minn hanut dakinhar stess wara l-incident ta’ filghodu minhabba *self defence*.

Lawrence Attard jghid li kien l-imputat li hebb ghalih, kuntrarju ghal dak li rrizulta l-Qorti, pero jikkonferma li hu kien fuq l-imputat meta kienu mal-art.
Illi din il-Qorti wkoll kellha l-opportunita tara l-imgieba tax-xhieda waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda u rat x’interess setgha kull wiehed minn dawn x-xhieda. Rat li l-imputat, vermanet ghandu I.Q. baxx hafna u li huwa persuna timida hafna, waqt li l-vittma, li ghandu statura kbira, deher aktar sod u certament mhux li jissejjah timidu, pjuttost persuna aggressiva. Dan, il-Qorti setghet tikkonstatah de viso waqt li xehed fid-diversi okkazzjonijiet l-Qorti.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat kellu x’intenzjoni li jferi u jikkaguna xi feriti gravi fuq l-persuna tal-vittma, izda li jwegghu ftit biex iwarrbu minn fuqu, tant hu hekk li fil-fatt tingiza tah fuq il-parti ta’ wara ta’ dahru, in-naha ta’ isfel u mhux f’xi post prominenti.

Ghalhekk l-imputat ried biss jikkaguna ferita ta’ natura hafifa, dik li effettivament ikkaguna.

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ghamel dak li ghamel, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f’dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b’mod iehor, w ghalhekk kien gustifikat li jagixxi b’dak il-mod ta’ legittima difesa ghalih nnifsu w ghalhekk din il-linja ta’ certezza w eccezzjoni qed tigi milqugha. Illi pero minhabba dak li tipprovdi l-ligi u cioe li ebda piena ma tigi nflitta f’kazijiet li anke fejn bniedem jeccedi l-ligi f’kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew lil terzi, fejn tali eccess ikun dovut ghal perikolu mminentili hu jsib ruhu rinfaccjat bih jew minhabba biza jew twerwir (fear or fright), w ghalhekk din il-Qorti mhux ser taghti ebda piena rigward din l-akkuza.

Dwar l-akkuza l-ohra, u cioe ksur ta’ paci pubblika, din tirrizulta ppruvata bla dubbju ta’ xejn kif wkoll l-akkuza li zamm strument bil-ponta u li jaqta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, din tirrizulta wkoll ppruvata b’mod sodisfacenti u cioe wara li qisiet ix-xhieda moghtija minn PS 73 Joseph Camilleri.

Il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 5 tal-atti markata bhala dokument CSH 1 minn fejn jirrizulta li kien instab hati ta’ kontravenzjoni u cioe li zamm harpoon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija meta nghata *unconditional discharge* fis-sena 1965 w ghalhekk ghandu fedina penali tajba.

**Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-liġi partikolarment l-artikolu 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 17(b)(c), 20, 23, 30 u 533 tal-Kap 9, u l-artikoli 3, 13, 19, 26 u 27 tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat EMANUEL GRIMA**

**ħati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa, pero tiddikjara li mhux ser taghti ebda piena ghal din l-akkuza, stante li l-imputat agixxa in legittima difesa tieghu, pero dwar l-akkuzi l-ohra il-Qorti, ssib lil imputat hati u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin [LM100] komplessivament.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------